Fehim mill-Qari

# Il-Proġett



Il-passatemp t'Oliver hu l-qari. Ma tarah imkien bla ktieb f'idejh. Waqt il-brejk jippreferi joqgħod x'imkien għall-kwiet jaqra xi ktieb dwar l-annimali. *(paragrafu 1)*

Sħabu tal-klassi jaqbdu miegħu għax huma jħobbu jilagħbu l-logħob fuq il-kompjuter u ma tantx iħobbu l-qari. L-iktar issa li Denver u sħabu skoprew il-logħba tad-Draguni. Iffissaw fuqha *(they got obsessed)* u dejjem jitkellmu fuq kemm għandhom draguni ġodda.

*(paragrafu 2)*

LIVEWORKSHEETS

Ilbieraħ l-għalliema tathom proġett x'jagħmlu. Kellhom jagħżlu annimal li jgħix fil-ġungla u jagħmlu powster dwaru. Peress li Oliver kien jaqra ħafna kotba, kulħadd ried joqgħod miegħu. Denver u Liam mill-ewwel ingħaqdu m'Oliver fi grupp. *(paragrafu 3)*

Is-Sibt filgħodu ltaqgħu fid-dar t'Oliver. Oliver, Denver u Liam kitbu xi informazzjoni dwar l-iljunfanti. Kitbu dwar kif l-iljunfant juża t-tromba tiegħu, dwar x'jiekol u x'perikli jiltaqa' magħhom matul ħajtu. Denver u Liam jafu jpinġu ħafna allura żejnu l-powster bi tpinġijiet sbieħ. . *(paragrafu 4)*

Il-powster ġie sabiħ ħafna u ġabu marka tajba. Barra minn hekk Denver u sħabu saru ħbieb ma' Oliver u tgħallmu jaċċettaw lil kulħadd u ma jidħku b'ħadd. *(paragrafu 5)*

**<u>Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba</u>**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Oliver iħobb ħafna l-qari. | | |
| 2. Il-proġett kien dwar annimali li jgħixu fid-dar. | | |
| 3. Denver u Liam jafu jpinġu ħafna. | | |

**<u>Eż. B: Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:</u>**

4. Denver u sħabu jħobbu jilagħbu l-logħba:

| |
|---|
| tan-numri. |
| tal-aljeni. |
| tad-draguni. |

LIVEWORKSHEETS

5. Il-grupp t'Oliver kien magħmul minn:

| |
|---|
| Denver u Liam |
| Max, Gordon, Denver u Sandro. |
| Maria, Max, Gordon u Denver. |

6. Oliver u l-grupp tiegħu ltaqgħu:

| |
|---|
| s-Sibt filgħodu. |
| t-Tnejn filgħaxija. |
| s-Sibt filgħaxija. |

7. Il-grupp ta' Oliver ġabu marka (tajba, ħazina) fil-proġett.

**Eż. E : Imla l-vojt bil-femminil skont l-istampa:**

1. Omm Oliver taħdem bħala  ______________________.

2. Oliver għandu  ____________________.

3. Oħt Oliver għandha  ___________________.

4.  In-___________________ t'Oliver toqgħod il-Furjana.

LIVEWORKSHEETS